# Lectio Divina
## It-2 Ħadd ta' Matul is-Sena
## Sena Ċ

### Ġw 2:1-11

**Imbagħad fit-tielet jum**

It-«tielet jum» huwa l-jum tal-manifestazzjoni tal-glorja ta' Alla fuq is-Sinaj (cfr *Eż* 19:16), huwa t-temma ta' jiem ta' tħejjija, il-jum tal-kuraġġ tal-bniedem ta' Alla li jidħol għall-isfida/taqbida (cfr *Mħ* 20:30; *1Slat* 12:12; *Est* 5:1; *Ġona* 2:1). Fit-TĠ huwa l-jum tal-qawmien ta' Kristu (cfr *Mt* 16:21; 17:23; 20:19). Jekk jingħaddu t-tlett ijiem indikati minn Ġw qabel din is-silta (cfr *Ġw* 1:29.35.43), allura f'din is-silta ninsabu fis-*sitt* jum, li fir-rakkont tal-*Ġen* huwa l-jum tal-ħolqien tal-bniedem: «U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu, fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom» (*Ġen* 1:27); il-jum fejn Alla jara li kollox kien «tajjeb ħafna» (*Ġen* 1:31), fejn il-ħolqien huwa komplut b'mod li jidħol fil-mistrieħ tas-seba' jum (cfr *Ġen* 2:1-4).

**sar tieġ f'Kana tal-Gallilija,**

It-«tieġ» li jsir fir-raħal tal-Gallilija huwa allużjoni għat-tieġ taż-żminijiet messjaniċi mħabbar mill-profeti (cfr *Hos* 2:21-22) u deskritt b'termini qawwija u passjonevoli fl-*Għanja tal-Għanjiet* fejn l-Għarusa tixxennaq għall-imħabba tal-Maħbub tagħha: «Ħa jiġi jbusni bil-bewsiet ta' fommu. Mħabbtek hija oħla mill-inbid.» (*Għan* 1:2). Il-kuntest tal-patt konjugali huwa spiss użat mill-Mulej biex ifisser l-infedeltà tal-Poplu tiegħu għall-Patt (cfr *Ġer* 3:6-9; *Eżek* 16:60).

**u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu.**

Il-protagonisti ta' din is-silta mhumiex il-miżżewġin ta' Kana imma «omm Ġesù» u «Ġesù». Il-preżenza ta' Marija fir-raba' Vanġelu nsibuha hawn – fil-*jum* li fih Ġesù jwettaq l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu (v. 11) – u taħt is-Salib fil-jum li fih Ġesù, Adam il-ġdid (cfr *1Kor* 15:45), itemm l-opra tal-ħolqien ġdid (cfr *Ġw* 19:30) u jdaħħal lill-umanità fil-mistrieħ ta' Alla (cfr *Lhud* 4:1-11). Ġesù huwa l-mistieden li jwieġeb għall-karba tal-Għarusa («ejja») li tixtieq tidħol f'imħabba mġedda (cfr *S* 79:8; *Għan* 7:11). Id-«dixxipli» huma d-destinatarji ta' dan it-tieġ ta' bejn Alla u l-bniedem: «Hienja dawk li kienu mistiedna għall-mejda tat-tieġ tal-Ħaruf» (*Apok* 19:9; cfr *Mt* 22:2).

**Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: «Ma għandhomx inbid».**

L-«inbid», flimkien mal-qamħ u maż-żejt, huwa frott essenzjali mogħti mill-qalb ħanina ta' Alla li jipprovdi x-xita f'waqtha lill-art (cfr *Dt* 11:14). Huwa għalhekk sinjal tal-barka tal-Aktar Għoli li jagħti lill-uliedu «nbid li jferraħ qalb il-bniedem» (*S* 104:15). Quddiem l-infedeltà tal-Poplu, «id-dielja» li kien qed jagħmel għeneb qares hekk li l-inbid tajjeb kien intemm (cfr *Is* 5:1), il-Mulej jibgħat lill-Ibnu li fuq l-Għolja tal-Kalvarju jagħmel Patt ġdid fejn mill-kustat miftuħ jipprovdi «nbejjed ħelwa» għall-bnedmin (cfr *Ġw* 19:34; *Is* 25:6).

**U Ġesù qalilha: «X'hemm bejni u bejnek, mara?**

L-appellattiv «mara» huwa użat minn *Ġw* kemm hawn kif ukoll taħt is-Salib (cfr *Ġw* 19:26) – huwa riferiment għall-«mara» involuta fit-taqbida kontra s-serp (cfr *Ġen* 3:15-20). Marija hija l-bniedem miftuħ għal Alla, l-umanità l-ġdida-mifdija, il-Knisja, li lesta tiċċelebra dan it-Tieġ (cfr *Apk* 12:1). Il-mod kif Ġesù jindirizza lil Marija huwa tip ta' lingwaġġ li nsibuh drabi oħra fl-Iskrittura fejn jindika n-nuqqas ta' qbil u d-distanza li għandha tinżamm, imma fl-istess ħin jissupponi relazzjoni u fil-kuntest ta' din is-silta huwa wkoll stedina għal żvilupp f'din ir-relazzjoni fir-rispett tal-identità tal-Iben li jwieġeb unikament għar-rieda tal-Missier u mhux għall-pressjonijiet esterni (cfr *2Sam* 16:10; *1Slat* 17:18; ara wkoll *Mk* 1:24; *Mt* 8:29; *Lq* 3:43): "Bil-mod kif jesprimi ruħu Kristu jrid jurina li hu jwettaq kull ħaġa fil-mument opportun" (Ġwann Kriżostmu, *Comm. Vang. Gv.*). Hawn omm Ġesù hija mistiedna tagħmel pass 'il quddiem fir-rabta tagħha ma' Binha u tgħaddi minn livell ta' relazzjoni familjari għal wieħed li fih timxi warajH bħala dixxiplu fit-twettiq tar-rieda tal-Missier.

**Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx.»**

Uħud mill-istudjużi jsostnu li, fid-dawl tal-fatt li fil-kodiċi antiki mhemmx il-punteġġjatura u anke xħin wieħed jikkunsidra r-reazzjoni ta' Marija, din il-frażi tagħmel aktar sens bħala mistoqsija: "Forsi għadha ma waslitx is-siegħa tiegħi?" (cfr Fausti; Vanhoye.) Ġesù qed jindika lil ommu li wasal il-mument li jidħol fis-«siegħa» li għaliha ġie fid-dinja biex iwettaq ir-rieda tal-Missier – għalissa hija «s-siegħa» tal-ewwel manifestazzjoni tal-glorja tal-Iben, għalkemm għadha ma waslitx is-«siegħa» definittiva li fiha tidher il-glorja tiegħu fil-mewt u qawmien tiegħu (cfr *Ġw* 7:30; 8:20; 12:23.27; 13:1; 17:1).

**Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: «Agħmlu kulma jgħidilkom hu.»**

Marija, «il-qaddejja tal-Mulej» (*Lq* 1:38) tilqa' minnufih il-kelmiet ta' Binha billi hi tistieden lill-qaddejja biex jidħlu fis-smigħ ubbidjenti tar-rieda tiegħu. Huwa l-atteġġjament tal-Poplu li jafda fil-Kelma ta' Alla u lest iwettaqha (cfr *Eż* 19:8; 24:3.7). Marija hija dik li ma twaqqafx l-inizjattiva ta' Alla, imma tiftħilha t-triq! "Il-qofol tal-Eżortazzjoni tagħna u l-aħħar raġuni tal-valur pastorali tal-qima lejn il-Verġni li twassal il-bniedem lejn Kristu huma l-kliem stess li hija qalet lill-qaddejja tat-tieġ ta' Kana: «Agħmlu dak li jgħidilkom» (*Ġw* 2:5). Dawn il-kliem mad-daqqa t'għajn jidhru li jiswew biss biex juru x-xewqa li jirranġa t-tfixkil li nqala' fil-festa. Imma fid-dawl tar-raba' Evanġelju, huma bħal leħen li jerġa' jsemma l-kliem li qal il-poplu t'Iżrael biex juri li jaqbel mal-patt tas-Sinaj (*Eż* 19:8; 24:3.7; *Dt* 5:27), jew biex iġeddu l-kelma tagħhom (*Ġoż* 24:24; *Esd* 10:12; *Neħ* 5:12). Huwa leħen ukoll li b'mod tal-għaġeb jaqbel ma'

dak tal-Missier fid-dehra fuq il-Muntanja Tabor: «Lilu isimgħu» (*Mt* 17:5).” (Pawlu VI, *Marialis cultus* 56).

**Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda tasa’ xi mitt jew mija u għoxrin litru.**

In-numru «sitta» jindika imperfezzjoni li tonqsu xi ħaġa biex jilħaq il-perfezzjoni (imfissra bin-numru sebgħa). Kif rajna, huwa wkoll in-numru tal-jum tal-ħolqien tal-bniedem fil-*Ġen*. Il-«ġarar» huma vojta: dan jindika kemm il-fatt li «r-riti tal-purifikazzjoni tal-Lhud» ma kinux għadhom jaqdu l-funzjoni tagħhom kif ukoll il-fatt li kien hemm bżonn li x-xewqat profondi tal-bniedem (li huma fundamentalment ix-xewqa għall-Hallieq) jiġu mwieġba bi preżenza ġdida. Il-materjal tal-ġarar ifakkar fil-«ġebel» li fuqhom ġew miktuba minn Alla l-liġi u l-kmadamenti tiegħu (cfr *Eż* 24:12) li issa jridu jinkitbu fil-qlub tal-bnedmin (cfr *Ġer* 31:33). Huwa l-Mulej li jista’ jimla dan il-vojt, u dan jagħmlu b’mod sproporzjonat, “ħali” (cfr *Efes* 2:7).

**Ġesù qal lill-qaddejja: «Imlew il-ġarar bl-ilma.» U dawk imlewhom sax-xifer.**

Il-qaddejja huma msejħa biex jikkollaboraw ma’ Ġesù sabiex ikun jista’ juri lilu nnifsu quddiem il-bnedmin (cfr *Ġw* 6:5.9). Hija l-missjoni tal-qaddej li jisma’ minn dak li jgħidlu Ġesù u jwettqu b’mod sħiħ «sax-xifer» mingħajr medjokrità – niftakru fil-qaddej li kellu talent wieħed (cfr *Mt* 25:14-30).

**Imbagħad qalilhom: «Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda». U huma marru jagħtuhulu.**

*Ġw* ma jieqafx fuq il-fatt tal-miraklu imma juri l-*kif*: huwa frott is-smigħ attent, l-ubbidjenza fiduċjuża u pronta («issa») għall-kelma ta’ Ġesù. Hija din il-fedeltà, din id-*djakonija* awtentika, li kapaċi twassal is-sebħ tal-Mulej lill-oħrajn, “li bix-xhieda tagħhom ta’ fidi, imħabba u karità kapaċi jdawlu d-dlam tal-umanità” (Franġisku, *Diskors lill-Kurja Rumana*, 21 Diċ 2018).

**Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu,**

Il-Mulej jgħarraf lilu nnifsu lil dawk li jiftħu qalbhom għalih: «Lilkom ingħata l-misteru tas-Saltna ta’ Alla, imma l-oħrajn, li huma barra, ikollhom kollox bil-parabboli...» (*Mk* 4:11); «Nfaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, għax int dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin. Iva, Missier, għax hekk għoġbok.» (*Lq* 10:21).

**sejjaħ lill-għarus u qallu: «Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel;**

Hemm ċerta ironija kif il-mertu għall-inbid jieħdu l-«għarus» tat-tieġ ta’ Kana u mhux Ġesù. Dak li jibbenefika mill-ġid huwa dejjem il-bniedem li jirċievi dan kollu mingħajr ma jistħoqqlu – huwa l-Mulej li jiżra’ u jkabbar: «Rieqed jew imqajjem, billejl jew binhar, iż-żerriegħa tinbet u tikber; bla ma jaf kif» (*Mk* 4:27; cfr *Mk* 4:3). Min-naħa l-oħra, il-veru «għarus» huwa Ġesù li huwa l-ferħ li bih timtela qalb il-bniedem (cfr *Ġw* 3:29).

**meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa.**

Fil-Grieg l-aġġettiv użat hawn għall-inbid (gr. «καλος» tr. «kalos») ifisser ukoll *sabiħ*. Il-bniedem ifittex it-Tajjeb u s-Sabiħ li huwa l-Mulej. Filwaqt li viżjoni pessimista tara l-mixja tal-ħajja bħala inżul lejn id-dwejjaq u lejn il-mewt, id-dawl tal-fidi juri mixja lejn il-ferħ tal-laqgħa ma' Kristu u l-għixien ta' żgħożija tal-qalb li minflok tidbiel, tisbieħ! "Inħeġġiġkom għalhekk biex toħolmu atteġġjamenti pastorali ġodda li jistgħu jikxfu l-ġmiel ta' Ġesù. Huwa dan il-ġmiel li ma jintefiex li għandu l-qawwa li jiġbed lill-bniedem lejn Ġesù. Aħna nistgħu naslu biex inċarrtu l-velu li qed jaħbi din is-sbuħija bix-xandir tal-Kelma, biċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi bis-sens, kif ukoll bl-attività karitattiva – l-aqwa fost dawn it-tliet dimensjonijiet hija l-karità mal-foqra, għax b'dan il-mod inkunu npoġġu fil-prattika l-kmandament tal-imħabba." (Mario Grech, *Diskors ta' Kristu Re*, 25 Nov 2018).

**Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.**

Is-«sinjal» (*Ġw* 2:11; 4:54; 5:2; 6:5.14; 9:1.16; 11:1; 12:18) għandu l-għan li jqajjem il-fidi fid-dixxipli kif ukoll li juri l-glorja tal-Iben: «... dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu.» (*Ġw* 20:31; cfr *Eż* 4:1-9.27-31). Quddiem is-sinjali ta' Ġesù, il-bniedem jista' jwebbes qalbu u ma jemminx (cfr *Ġw* 12:37) u hekk jibqa' barra mill-festa tat-tieġ, jew jinfetaħ għad-don tal-fidi u l-ferħ tiegħu jkun sħiħ (*1Ġw* 1:4).

**Għar-riflessjoni**

F'Kana tal-Galilija ntwera aspett wieħed biss tal-ħtiġiet veri tal-bnedmin, aspett li jidher żgħir u ftit importanti ("Ma għandhomx inbid"). Imma għandu tifsir simboliku kbir: l-għajnuna li tingħata lill-bnedmin fi ħtiġijiethom tfisser ukoll li dawk il-ħtiġijiet daħlu fi ħdan il-missjoni messjanika u l-qawwa salvifika ta' Kristu. U għalhekk għandna medjazzjoni: Marija tidħol bejn Binha u bejn il-bnedmin fil-verità tal-ħtiġijiet, tan-nuqqasijiet u tat-tbatijiet tagħhom. *Tidħol "fin-nofs"* jiġifieri *tagħmilha ta' medjatriċi mhux bħala xi waħda barranija imma bħala omm,* għax taf li bħala omm tista' turi lil Binha ħtiġijiet tal-bnedmin, u "għandha d-dritt" tagħmel dan. Il-medjazzjoni tagħha għalhekk għandha sura ta' talba: Marija "titlob" għall-bnedmin. U dan mhux kollox. Bħalha omm *tixtieq ukoll li s-setgħa messjanika ta' Binha tidher,* dik il-qawwa salvifika tiegħu biex tgħin il-bnedmin fid-disgrazzji tagħhom, biex teħlishom mid-deni li b'ħafna suriet, żgħar u kbar, itaqqlulhom ħafna ħajjithom. Proprju kif il-profeta Isaija ħabbar dwar il-Messija b'dik is-silta magħrufa li Kristu qara lin-nies ta' beltu f'Nażaret: «biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin... inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja...» (cfr *Lq* 4:18).

Ġwanni Pawlu II, *Redemptoris Mater* 21.